
MONS SION
IN JERUSAL



Dehra tal-Ġurdan
Waqt li jkun imfawwar
Meta jdub is-silġ bis-sħana
Minn fuq l-iġbla
Tal-Hermon u tal-Libnan
Fis-sajf.

It-Tmien Sena | LULJU - SETTEMBRU, 1962 | Għadd 3

*"Super Muros Tuos Jerusalem, Constitui Custodes."*

# LEHEN
# L-ART IMQADDSA

QARI
LI JOHROĠ KULL TLIET XHUR
MILL-KUMMISSARJAT TAL-QABAR TA' KRISTU
F'MALTA

Mitbugħ għand "Giov. Muscat & Co. Ltd." Valletta.

# LEHEN L-ART IMQADDSA

QARI

MAHRUĠ MILL-KUMMISSARJAT

TAL-QABAR TA' KRISTU

F'MALTA






It-Tmien Sena | LULJU - SETTEMBRU, 1962 | Għadd 3


## X'FIH DAN IL-GĦADD


Misħut Egojiżmu! (Id-Direzzjoni) ... ... ... ... ... ... ... 65

L-Ikel u l-Ilbies tal-Lhud fi Żmien Ġesù Kristu (P.P. Saydon) ... ... ... 66

Ilma Żahar u Ftit Grux (P.M. Tangorra O.F.M.) ... ... ... ... ... 68

Kliem Meħud b'Ieħor fl-Evanġelju (Ben Jehuża) ... ... ... ... ... 69

Dawra Mal-Art Imqaddsa (Dun Karm Sant) ... ... ... ... ... ... 74

Siġar Imqaddsa Fil-Palestina (P. Ubertinu Berti O.F.M.) ... ... ... ... 78

Il-Fundament Bibliku tal-Quddiesa (P. Serafin Zarb O.P.) ... ... ... ... 81

Is-Sejbien ta' l-Evanġelju ta' San Tumas ('X') ... ... ... ... ... 83

Fejn Twieldet il-Madonna (P. Anton Olivan O.F.M.) ... ... ... ... ... 85

Id-Dejr Waħxi ta' Mar-Saba (P. Nazju Mancini O.F.M.) ... ... ... ... 90

Aħbarijiet ta' l-Art Imqaddsa ... ... ... ... ... ... ... ... ... 95

Requiescant In Pace ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 96



*Direzzjoni*: W. R. P. Nikola Magro, O.F.M., Kummissarju tat-Terra Santa.
*Amministrazzjoni*: R. P. Valentin Cardona, O.F.M., Viċi Kummissarju.
Kummisserija tat-Terra Santa, Kunvent ta' Ġieżu, il-Belt.

# MISHUT EGOJIZMU!

*Bin-Adam, f'dak li hu ġisem, ma hux ħlief annimâl. Bħal annimâl jiekol, bħal annimâl jorqod; bħal annimal jitwieled, u jum jew ieħor, imût. Iħoss mibgħeda għal min jaħqru, u mħabba għal mîn jitimgħu u jżiegħel bîh. Hekk, kull annimâl, u kull Bin-Adam li jimxi fuq ġibdiet il-ġisem, hu egojista, għax ijgħożż biss dak li jaqbel lilu, u jitlaq, jew iħassar, dak li jaqbel lill-oħrajn. L-egojista ma jagħrafx Sîd, anqas Għajr. B'hekk l-egojżimu hu l-għajn u l-bidu ta' kull ħtija, għax mill-ewwel jikser iż-Żewġ Omra l-Kbâr: "Ħobb 'l Alla Sîdek fuq kollox, u lil Għajrek bħalek innifsek"* (*Matt.* XXII, 37-39).

*Ħtija tal-egojiżmu daħal fid-dinja d-dnub, għax bih il-għâdu ġarraf l-ewwel mara. "Alla menagħlkom dik is-siġra," qalilha, "għax jekk tieklu minnha, tagħarfu l-ġid u d-deni, u SSIRU BĦAL ALLAT!" U l-mara ħasbet: "Jaqblilna, mela, nieklu mis-siġra, ħalli nsîru Allât aħna wkoll, nagħmlu kull ma rrîdu, u ma jamar għalîna ħadd!" Għal hekk, kielet, u temgħet ukoll lil żewġha. U xi ħsâra ġiebet fuqhom infûshom u fuqna, msejkna uliedhom, ilkoll nâfu, għax ninsâbu mgħarrqîn fîha ta' kull waqt. Bħal ma l-għâdu bl-egojiżmu waqqa' fil-ħtija l-'ewwel mara,' hekk ukoll ġarrab li jwaqqa lit-Tieni Râġel. L-ewwel daqqa li x-xitan xejjer lil Ġesù fit-Tiġriba, fix-xôri maħrûq u iswed tal-Baħar Mejjet, kienet id-daqqa tal-egojiżmu. "Għaliex qiegħed bil-ġûgħ?" qallu. "Għad li int Bin-Adam, int ukoll Bin-Alla, u l-ħolqien kollu f'idejk. Għîd lil ħaġra minn dawn issîr ħobż, u kûl!" Imma d-daqqa fallietlu lill-għâdu, u l-lsîr ma għallatx lil Sîdu, u d-dlâm ma għelebx lid-Dawl. U hekk jagħmel ukoll ix-xitân ma' kull Bin-Adam: jiftaħ il-kaxxa tal-għodda tiegħu, li hi l-egojiżmu, u minn hemm ijġib il-biċċa li jidhirlu li taqbel, biex iwaqqa' fil-ħtija lil dak li jkun. Bl-egojiżmu jsîr il-qtîl; bl-egojiżmu ssir iż-żena, u bih ukoll is-serq u l-gideb, u kull xorta ta' ħtijiet. Kull min jidneb u jikser amar Alla, jagħmel dan għax egojista, billi jiċħad 'l Alla minn Sîdu u 'l Bin-Adam minn Għajru, u jgħodd ruħu fuq kollox u fuq kull ħadd. Hekk, kull ħtija hija xi għamla ta' egojiżmu, li toħroġ mill-għajn misħûta tax-xitân.*

*Aħseb, mela! Qîs u ifhem. Agħraf li sejf il-ħrieb tax-xitân m'Alla u Bin-Adam huwa l-egojiżmu. U kif tagħraf dan, ħejji ruħek f'kollox, hawn fid-dinja, għal taqbîda ta' bla serħ. Int trîd tissieħeb m'Alla fis-Sebħ tal-Ħajja l-Oħra? Ma hemmx għal dan trîq ħlief waħda: neħħi minnek l-egojiżmu. Jekk ma tistax teqerdu, orbtu, u żommu magħfûs taħt amrek; għax jekk terħilu u jirkbek, ma hemmx tama ta' hena għalîk. Issieħeb m'Alla minn rajk, f'dil-ħajja, biex Alla jqîsek b'xibrek, u jsieħbek miegħu f'Sebħu, fil-Ħajja ta' bla Tmiem. Żomm għajnejk dejjem fuq Ġesù, it-Tieni Râġel; tinsa qatt il-kelma tiegħu, li "Bin-Adam ġie fid-dinja m'hux biex jinqeda, imma biex jaqdi, u jagħti ħajtu lill-oħrajn"* (*Mat.* XX, 28); *agħmel bħal ma għamel Hu, kull darba li tiġi newbtek, għax biex titgħallem minnu ġie fid-dinja, battal lilu n-nifsu* (*Filipp.* II, 7), *tgħabba bil-hemm u bil-għajb kollu, saħansitra bl-eħrex mewt: mislûħ bis-swat, u mbenġel; imxarrab bil-għaraq u d-demm u Wiċċu miksi bil-bżieq; bl-egħdewwa jidħku bih u jiżfnu quddiemu, u Hu msammar fuq salib!*

*ID-DIREZZJONI.*